MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2003

Numru 487/2002

Il-Pulizija
(Sp Christopher Pullicino)
vs
Godfrey Gambin, iben Godfrey,
imwieled Attard fl-10 ta'
april, 1976

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-Qawra, fit-30 ta' ottubru, 2001 u fil-ġranet ta' wara din id-data xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
2. talli sar reċidiv b'sentenza lilu mogħtija mill-Qorti, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mħassra jew mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-10 ta' lulju, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi tratttat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' frar, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta
bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------